**Domandi preliminari**

(1) (a) Il-kunċett ta' "diżabilità" fis-sens tad-Direttiva, huwa applikabbli għal kull persuna li, minħabba diffikultajiet fiżiċi, mentali jew psikoloġiċi, ma tistax tagħmel xogħolha matul perjodu li jissodisfa l-kundizzjoni dwar żmien imsemmija fil-punt 45 tas-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-16 ta' Lulju 2006, Navas ([1]), jew li tista' tagħmel dan b'mod limitat?

(b) Kundizzjoni medika kkawżata minn marda kkunsisrata medikament inkurabbli tista' taqa' taħt il-kunċett ta' diżabbiltà fis-sens tad-Direttiva?

(ċ) Kundizzjoni medika kkawżata minn marda kkunsidrata medikament kurabbli tista' taqa' taħt il-kunċett ta' diżabbiltà fis-sens tad-Direttiva?

(2) Diżabbiltà permanenti li ma teħtieġx l-użu ta' tagħmir speċjali jew ieħor u li tirriżulta prinċipalment fil-fatt li l-persuna li tkun diżabbli ma tkunx tista' taħdem full-time, taqa' taħt il-kunċett ta' diżabbiltà fis-sens tad-Direttiva 2000/78/KE, tas-27 ta' Novembru 2000, li tistabbilixxi qafas ġenerali għall-ugwaljanza fit-trattament fl-impjieg u fix-xogħol ([2])?

(3) It-tnaqqis fil-ħin tax-xogħol jista' jkun waħda mill-miżuri koperti mill-Artikolu 5 tad-Direttiva 2000/78?

(4) Id-Direttiva 2000/78 tippreklidi l-applikazzjoni ta' liġi nazzjonali li biha min iħaddem jista' jittermina l-kuntratt ta' impjieg b'perijodu iqsar ta' avviż tat-temm ta' impjieg jekk il-ħaddiem li għandu jiġi kkunsidrat b'diżabilità fis-sens tal-imsemmija direttiva, kien fuq leave tal-mard bi ħlas għal 120 jum b'kollox matul l-aħħar tnax-il xahar meta:

(a) l-assenzi tal-ħaddiem huma l-konsegwenza tad-diżabilità tiegħu?

jew

(b) l-assenzi tal-ħaddiem huma dovuti għall-fatt li min iħaddem naqas milli jieħu l-miżuri konkreti meħtieġa sabiex persuna b'diżabilità tkun tista' twettaq l-impjieg tagħha?

([1]) - Kawża C-13/05, Ġabra p. I-6467.
([2]) - ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 05, Vol. 04, p. 79

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-cour d'appel de Lyon (Franza) fl-1 ta' Lulju 2011 — Receveur principal des douanes de Roissy Sud, Receveur principal de la recette des douanes de Lyon Aéroport, Direction régionale des douanes et droits indirects de Lyon, Administration des douanes et droits indirects vs Société Rohm & Haas Electronic Materials CMP Europe GmbH, Rohm & Haas Europe s.à.r.l., Société Rohm & Haas Europe Trading APS-UK Branch**

**(Kawża C-336/11)**

(2011/C 269/62)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

**Qorti tar-rinviju**

Cour d'appel de Lyon

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* Receveur principal des douanes de Roissy Sud, Receveur principal de la recette des douanes de Lyon Aéroport, Direction régionale des douanes et droits indirects de Lyon, Administration des douanes et droits indirects

*Konvenuti:* Société Rohm & Haas Electronic Materials CMP Europe GmbH, Rohm & Haas Europe s.à.r.l., Société Rohm & Haas Europe Trading APS-UK Branch

**Domanda preliminari**

In-Nomenklatura Magħquda [li tinsab fl-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87, tat-23 ta' Lulju 1987, dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana ([1]), kif emendata bir-Regolamenti tal-Kummissjoni (KE) Nru 1549/2006, tas-17 ta' Ottubru 2006 ([2]), u Nru 1214/2007, tal-20 ta' Settembru 2007 ([3])] għandha tiġi interpretata fis-sens li biċċiet għall-illostrar, intiżi għal magna li tillostra għal xogħol ta' materjali semikonduttori — li bħala tali taqa' taħt l-intestatura tariffarja 8460 — importati separatament mill-magna, ippreżentati fl-għamla ta' diski mtaqqba fiċ-ċentru tagħhom, ikkostitwiti minn saff iebes ta' polyurethane, minn saff ta' xkuma ta' polyurethane, minn saff ta' kolla u minn saff protettiv irqiq ħafna u magħmul mill-plastk, li ma fihom l-ebda parti tal-metall u l-ebda sustanza li tobrox u li huma użati għall-illostrar ta' *wafers*, flimkien ma likwidu li jobrox u li għandhom jiġu ssostitwiti bi frekwenza li hija ddeterminata mir-rata ta' użu tagħhom, jaqgħu taħt l-intestatura tariffarja 8466 […] bħala partijiet jew aċċessorji tajbin għal użu biss jew prinċipalment mal-magni kklassifikati taħt l-intestaturi Nru 8456 sa 8465, jew skont is-sistema tal-materjal kostitwenti tagħhom, taħt l-intestatura tariffarja [3919], bħala forom ċatti li jeħlu waħedhom magħmula mill-plastik?

([1]) ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 2, Vol. 2, p. 382.
([2]) ĠU L 301, p. 1.
([3]) ĠU L 286, p. 1.

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Sø- og Handelsretten (id-Danimarka) fl-1 ta' Lulju 2011 — HK Danmark, fil-kwalità ta' mandatarju ta' Lone Skouboe Werge vs Pro Display A/S (falluta)**

**(Kawża C-337/11)**

(2011/C 269/63)

*Lingwa tal-kawża: id-Daniż*

**Qorti tar-rinviju**

**Sø- og Handelsretten**

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* HK Danmark, fil-kwalità ta' mandatarju ta' Lone Skouboe Werge

*Konvenuta:* Pro Display A/S (falluta)

**Domandi preliminari**

(1) (a) It-terminu "diżabbiltà" fis-sens tad-Direttiva, huwa applikabbli għal kull persuna li, minħabba defiċjenzi fiżiċi, mentali jew psikoloġiċi, ma tistax tagħmel ix-xogħol tagħha matul perjodu li jissodisfa l-kundizzjoni dwar tul ta' żmien imsemmi fil-punt 45 tas-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-16 ta' Lulju, 2006, Navas ([1]), jew li tista' tagħmel dan b'mod limitat?

(b) kundizzjoni kkawżata minn marda medikament ikkunsidrata bħala inkurabbli tista' taqa' taħt il-kunċett ta' diżabbiltà fis-sens tad-Direttiva?

(c) kundizzjoni kkawżata minn marda medikament ikkunsidrata bħala kurabbli tista' taqa' taħt il-kunċett ta' diżabbiltà fis-sens tad-Direttiva?

(2) Diżabbiltà permanenti li ma teħtieġx l-użu ta' tagħmir speċjali jew ieħor u li tirriżulta prinċipalment fil-fatt li l-persuna li tkun diżabbli ma tkunx tista' taħdem full-time, taqa' taħt il-kunċett ta' diżabbiltà fis-sens tad-Direttiva 2000/78/KE tas-27 ta' Novembru 2000 li tistabbilixxi qafas ġenerali għall-ugwaljanza fit-trattament fl-impjieg u fix-xogħol ([2])?

(3) It-tnaqqis fil-ħin tax-xogħol jista' jkun waħda mill-miżuri previsti mill-Artikolu 5 tad-Direttiva 2000/78?

(4) Id-Direttiva 2000/78 tipprekludi l-applikazzjoni ta' liġi nazzjonali li biha min iħaddem jista' jtemm il-kuntratt ta' impjieg b'notifika minn qabel imnaqqsa jekk il-ħaddiem, li għandu jiġi kkunsidrat bħala li għandu diżabbiltà fis-sens tal-imsemmija direttiva, kien fuq leave tal-mard bi ħlas għal 120 jum b'kollox matul l-aħħar tnax-il xahar meta:

(a) l-assenzi tal-ħaddiem huma l-konsegwenza tad-diżabbiltà tiegħu?

jew

(b) l-assenzi tal-ħaddiem huma dovuti għall-fatt li min iħaddem naqas milli jieħu l-passi konkreti meħtieġa sabiex persuna b'diżabbiltà tkun tista' twettaq l-impjieg tagħha?

([1]) Kawża C-13/05, Ġabra p. I-6467.
([2]) ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5 Vol. 4 p. 79

---

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mit-Tribunal administratif de Montreuil (Franza) fl-4 ta' Lulju 2011 — Santander Asset Management SGIIC SA, f'isem FIM Santander Top 25 Euro Fi vs Direction des résidents à l'étranger et des services généraux**

**(Kawża C-338/11)**

(2011/C 269/64)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

**Qorti tar-rinviju**

Tribunal administratif de Montreuil

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* Santander Asset Management SGIIC SA, f'isem FIM Santander Top 25 Euro Fi

*Konvenut:* Directeur des résidents à l'étranger et des services généraux

**Domandi preliminari**

(1) Is-sitwazzjoni tad-detenturi ta' azzjonijiet għandha tittieħed inkunsiderazzjoni, flimkien ma' dik tal-impriżi ta' investiment kollettiv f'titoli trasferibbli (UCITS)?

(2) F'dan il-każ, liema huma l-kundizzjonijiet li taħthom it-taxxa f'ras il-għajn ikkontestata tista' titqies bħala li hija konformi mal-prinċipju tal-moviment liberu tal-kapital?

---

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mit-Tribunal administratif de Montreuil (Franza) fl-4 ta' Lulju 2011 — Santander Asset Management SGIIC SA, au nom de Carteria Mobiliara SA SICAV vs Ministre du budget, des comptes publics, de la fonction publique et de la réforme de l'État**

**(Kawża C-339/11)**

(2011/C 269/65)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

**Qorti tar-rinviju**

Tribunal administratif de Montreuil

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* Santander Asset Management SGIIC SA, f'isem Carteria Mobiliara SA SICAV

*Konvenut:* Ministre du budget, des comptes publics, de la fonction publique et de la réforme de l'État

**Domandi preliminari**

(1) Is-sitwazzjoni ta' azzjonisti għandha tittieħed inkunsiderazzjoni, flimkien ma' dik tal-impriżi ta' investiment kollettiv f'titoli trasferibbli (UCITS)?

(2) F'tali każ, liema huma l-kundizzjonijiet li taħthom il-kwistjoni tat-taxxa f'ras il-għajn tista' titqies bħala li hija konformi mal-prinċipju tal-moviment liberu tal-kapital?